# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 480/10/1 JPG**

**Gaffarena Christopher**

**v.**

**SMS Insurance Limited (C 6545) għan-nom u in rappreżentanza ta' QBE 1886 (Lloyds)**

Preliminari:

1. Fil-11 ta' Mejju 2010 l-attur intavola din il-kawża li permezz tagħha talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallsu s-somma ta' €63,000 (jew somma oħra verjuri) *in linea* ta' danni sofferti minnu wara li l-vettura tiegħu (BMW-M3 *convertible*), li kienet assikurata "*comprehensive*" mas-soċjeta` konvenuta, sfat involuta f'inċident

awtomobilistku u ġiet dikjarata “*beyond economical repair*”.

2. Permezz ta’ sentenza mogħtija fl-10 ta’ Ottubru 2016 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tiegħu limitatament in kwantu ordnat lis-soċjeta` konvenuta tħallsu s-somma ta’ €25,557.59.

3. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata b’tali deċiżjoni u għalhekk fil-31 ta’ Ottubru 2016 intavolat **appell** quddiem din il-Qorti fejn talbitha tirriforma s-sentenza billi **tnaqqas il-kwantum tad-danni**:

> *“…billi tirrevokaha limitatament għal dak li għandu x’ jaqsam mal-quantum tas-somma kkundannata ossija dik ta’ ħamsa u għoxrin elf, ħames mija, sebgħa u ħamsin euro (€25,557.59) u tirriforma għal somma inferjuri ossija dik ta’ ħmistax-il elf u ħamsa u erbgħin euro punt disgħa u ħamsin ċenteżmu (€15,045.59) u tikkonfermaha mill-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi interament kontra l-appellat”.*

4. L-attur ukoll ħassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti u għalhekk fit-18 ta’ Novembru 2016, wara li wieġeb għall-appell tas-soċjeta` konvenuta, ressaq **appell inċidentali** fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi **żżid il-kwantum tad-danni:**

> *“…tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni numru sitta (6) fiċ-ċitazzjoni u tibdel is-somma likwidata billi minflok is-somma ta’ €25,557.59 tikkundanna lis-soċjeta` SMS Insurance Agency Ltd (C6545) għan-nom u in rappreżentanza ta’ QBE1886 (Lloyds) tħallas is-somma ta’ €61,000 (cioe` €63,000 mnaqqsin bil-valur tar-wreck) jew kwalsiasi somma oħra verjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u tvarja l-kap tal-ispejjeż billi talloka l-ispejjeż kollha lis-soċjeta` appellanti SMS Insurane Agency Ltd għan-nom u in rappreżentanza ta’ QBE1886 (Lloyds).”*

5. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-appelli qiegħda tiġi riprodotta s-sentenza appellata:

"**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors ta' Christopher Gaffarena tal-11 ta' Mejju 2010 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

*1. "Illi l-esponenti xtara l-vettura tal-marka BMW M3 –Convertabile bil-Vehicle Identification Number (VIN) WBSBR92050EH76090 u n-numru tar-registrazzjoni tal-pjanci Inglizi "Y 482 BPL", bil-prezz ta' sitta u sebghin elf, tmien mija u disgha u sittin Euro (€76,869) fit-28 ta' April, 2009 – hekk kif jirrizulta mill-ircevuta u document annessi u mmarkati bhala Dok. C.G.1 u C.G.2;*

*2. Illi s-socjeta' intimata kienet harget polza assikurattiva tat-tip 'comprehensive' f'isem l-esponenti fir-rigward tal-vettura msemmija, liema polza kellha n-numru 1459MPT601090172, li kienet tkopri il-perjodu tal-incident;*

*3. Illi skond l-istess polza, il-vettura giet assikurata fuq valur ta' tlieta u sittin elf Euro (€63,000);*

*4. Illi dan il-valur gie stabilit mill-ufficjali tas-socjeta' intimata, liema valur huwa inqas minn kemm inxtrat il-vettura;*

*5. Illi waqt illi l-esopnenti kien qed isuq il-vettura msemmija fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq fit-22 ta'Settembru, 2009 ghall-habta ta' 2:30, huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku ma' zewg vetturi ohra, minghajr htija tieghu, u l-vettura tieghu garrbet tant hsarat illi giet iddikjarata bhala 'beyond economical repair';*

*6. Illi l-esponenti fetah l-claim numru 2009MPT0110 mas-socjeta' intimata bl-ghan illi jithallas ghad-danni illi kien sofra fl-incident imsemmi, izda is-socjeta' intimata naqqset milli taghmel dan, u offriet biss is-somma ta' dsatax-il elf Euro (€19,00) a saldo – liema somma ma tirrifletttix la l-insured value u lanqas il-pre-accident market value tal-vettura b'mod korrett; u liema somma ghalhekk giet irrifjutata mill-esponenti;*

*7. Illi nterpellata sabiex tindennizza lill-esponenti b'somma xierqa u li tirrefletti tassew il-valur tal-vettura in kwistjoni, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghaldaqstant kellhom jigu istwiti l-proceduri odjerni;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tillikwida s-somma ta' danni sofferti mill-esponenti fl-ammont ta' tlieta u sittin elf Euro (€63,000) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*2. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas ai termini tal-polza numru 14359MPT601090172 lill-esponenti kull somma hekk illilkwidata in linea ta' danni sofferti mill-esponenti fl-incident tat-22 ta'Settembru , 2009 fiz-Zurrieq;*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 2010 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta innominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli;

Rat ir-risposta ta' SMS Insurance Agency Limited Noe. C 6545 qhan-nom u in rappresentanza ta' QBE 1886 (Lloyds) li ghan-nom taghha qed tidher Audrey Sant in rappresentaza tas-socjeta' intimata tat-8 ta' Gunju 2010 (a fol. 14) li taqra hekk:

*1. Illi it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-esponenti m'ghandhiex thallas is-somma reklamata mir-rikorrent;*

*2. Illi mhux minnu li r-rikorrent sofra d-dannu li qed jiddikjara li sofra u ghalhekk m'hemmx lok li jigi likwidat u kkundannat il-hlas ta' dannu hekk reklamati mir-rikorrent;*

*3. Illi l-valur ta' Euro 63,000 li tnizzel fil-proposal form, li tieghu qed jaghmel referenza r-rikorrent tnizzel direttament minnu u m'hu bl-ebda mod riflessjoni tal-valur reali tal-vettura;*

*4. Illi r-rikorrent qatt ma ppresenta pre-accident survey report,*

*5. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit ir-rikorrent ghad irid jipprova t-talba tieghu ghad-dannu minnhu sofferti;*

*6. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit, dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet precedenti ma jigux akkolti, l-ammont ta' dannu mitlub qed jigi kkontestat billi huwa eccessiv kemm bhala ammmont per se kif ukoll minhabba l-fatt li l-wreck tal-vettura ghand u fil-pussess tar-rikorrent;*

*7. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

*Salvi jekk ikun il-kaz risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti"*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tat-8 ta' Gunju 2010, (a fol. 16) t' SMS Insurance Agency Limited Noe. C 6545 ghan-nom u in rappresentanza ta' QBE 1886 (Lloyds) li ghan-nom taghha qed tidher Audrey Sant;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Dicembru 2011 (a fol. 60) li permezz tieghu gie innominat lil Dr. Michael Camilleri

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 t'April 2013 (a fol. 118 ) li permezz gie nnominat bhala Espert Surveyor, l-Perit John Callus;

Rat il-verbal tas-7 t'Ottubru 2013 (a fol. 122 ) fejn l-Avukat difensur informa illi l-espert John Callus ma accettax l-inkarigu tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar 2014 (a fol. 123 ) li permezz gie nnominat Joseph Zammit;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Joseph Zammit prezentata fid-9 t'April 2015 u mahlufa fis-27 t'April 2015 (a fol. 137 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tal-14 ta' Dicembru 2015 (a fol. 170 et seq.);

Rat in-nota responsiva ta' SMS Insurance Agency Limited Noe C.6545 ghan-nom u inraprezentanza ta' QBE 1886 (Lloyds) tal-25 ta' Jannar 2016;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-Perit Tekniku Joseph Zammit ikkonkluda r-rapport tieghu billi sostna illi l-assikurazzjoni hadet ir-responsabilita' li tassigura l-imsemmija vettura ghal-valur ta' €63000 minkejja li normalment kull assigurazzjoni tistma l-valur tal-vetturi skond dokumenti li jkollha hi stess u mhux fuq il-kelma tal-klijent. Normalment jintbaghat surveyor tal-kumpanija assigurattiva sabiex jikkonferma l-valur tal-vettura u dan jsehh aktar u aktar meta l-valur ikun wiehed gholi bhal dak fil-kaz in ezami.

Il-Perit Joseph Zammit fir-rapport tieghu jistaqsi kif jekk l-vettura giet assigurata nhar it-13 ta'Lulju 2009 ghall-valur assigurattiv ta' €63000 u

l-incident sehh nhar it-22 ta' Settembru 2009, (skond l-assigurazzjoni) naqas minn €63000 ghall €19000, u dan fi zmien ta' madwar xahrejn?

**Ikkonsidrat;**

**John Mifsud** xehed a fol 62 – 65 illi fit-13 ta' Lulju 2009 kien ircieva telefonata mir-rikorrent li kien qallu li jrid assikurazzjoni komprensiva ghal vettura BMW M3 li kien ghadu kif xtara. Ir-rikorrent ried jassikuraha fuq valur ta' Lm33,000, izda wara li kien informa lir-rikorrenti li peress li l-ammont kien gholi, il-polza ma setghatx tohrog dakinhar stess ghaliex kien ikun hemm bzonn awtorizazzjoni minn barra, il-polza harget fuq il-valur ta; Lm27,000, l-ghola valur li fuqu setghat tohrog polza fl-istess jum. L-istess vettura imbaghad kienet involuta f'incident lejn l-ahhar ta' Settembru 2009. Xehed ukoll illi kemm ir-rikorrent kif ukoll il-familja tieghu kollha kien assikurati mas-socjeta ntimata u qatt ma kellhom incident.

**Adrian Muscat** xehed permezz ta' affidavit a fol 67 illi huwa ghandu negozju ta' auto dealer u fit-28 ta' April 2009 kien biegh lill-intimat il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni Ingliz Y482 BPL tal-marka BMW M3 ghal prezz ta' €78,869, liema ammont jinkludi t-taxxa tar-registrazzjoni li kienet tammonta ghal circa €20,000. Qal li karozza t-tip li gdida, tiswa madwar Lm80,000. Kompla illi illum il-gurnata il-prezzijiet rohsu u vettura bhal dik li biegh lill-intimat, tkun xi €20,000 bir-registrazzjoni b'kollox.

**Richard Vella** xehed a fol 71 illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta ntimata u pprezenta numru ta' dokumenti li gew imhejjija minn Audrey Sant, impjegata tas-socjeta intimata.

**Audrey Sant** xehdet a fol 99 – 101 illi hija tokkupa l-kariga ta' Claims Manager mas-socjeta ntimata u kienet qed tiehu hsieb il-claim mertu ta' din il-kawza. Spjegat illi kienet sar taf bl-incident li fih kien involut ir-rikorrent, u li r-rikorrent kien mar ghand il-Middlesea Insurance plc biex jaghmel claim kontra l-klijent tal-Middlesea peress illi t-tort tal-incident kien gie accettatat minn naha tal-Middlesea Insurance. Il-Middlesea Insurance kienet lesta li taghti lir-rikorrent is-somma ta' €14,000 ghas-saldu. Skont is-surveyor report li kien sar, il-karozza kienet "beyond economical repair" u kien ghalhekk li giet offruta din is-somma. Ir-rikorrent mar ukoll biex jaghmel claim ma' SMS Insurance Agency peress li kellu polza ta' assikurazzjoni komprensiva, fejn il-vettur giet stmata circa €20,000, bhala pre-accident value, liema valur ma' kienx jinkludi t-taxxa tar-registrazzjoni ghaliex il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni barrani. Ziedet illi l-karozza kienet inxtrat second hand. Hija kkonfermat b'referenza ghal Dok RV4 illi r-ricerka kienet saret minnha personalment. Qalet illi s-socjeta ntimata kienet offriet lir-rikorrent is-somma ta' €25,000 in full and final settlement izda din l-offerta ma gietx accettata.

**In kontro-ezami** a fol 103 – 104 qablet illi jista' jkun hemm varjazzjoni

kbira filprezz ta' karozzi uzati skont il-mileage, kondizzjoni generali tal-vettura, l-extras u diversi fatturi ohra, pero ziedet illi, fil-kaz in ezami, dan ma kienx probabbli ghaliex meta tqabbel l-istess specifications, is-sena ta' manifattura u l-mudell, jirrizulta li lprezz tas-suq tal-vetturi ikun bejn u wiehed u iehor l-istess. Mistqosija jekk ghamlitx ricerka f'Malta dwar dawn il-vetturi, wiegbet illi m'ghamlitx peress illi ma hasbitx illi kien hemm ghalfejn, ghaliex il-prezzijiet li gabet jinkludu l-prezz tal-importazzjoni b'kollox. Mistqosija meta ghamlet dawn ir-ricerki, wiegbet li ghamltihom fit-13 ta' Ottubru 2009.

**Ikkonsidrat;**

L-awtur **Hodgin** fil-ktieb tieghu **Insurance Law – Text and Materials** jispjega illi:

> ***"[h]ow is the loss or damage to be calculated? First, it should be said that it is calculated at the time of loss or damage and not when the policy was taken out. Thus, in motor insurance, you value the car at £5,000 on 1 January (and, even then, this may not be a figure which, if the car was stolen on that day, you would receive) and the car was written off on 1 November. It is the value on 1 November that will be paid."*** [1]

Kaz relevanti ghal dak de quo huwa dak deciz mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet **Leppard v Excess Insurance Co Ltd**.[2] F'dan l-kaz l-assigurat kien xtara proprjeta remota fil-kampanja Ingliza ghal circa 1,500 liri sterlina fl-1972. Fl-1994 huwa kien hareg polza ta' assigurazzjoni b'valur ta' £s10,000 li huwa iddikjara li kien l-ammont li jkun necessarju biex tigi rimpjazzata d-dar fil-kaz li tigi distrutta, u sena wara gholla l-valur ghal £s14,000. Dik l-istess sena, l-proprjeta giet distrutta kawza ta' nirien u l-ispejjez biex tigi repristinata l-proprjeta gew miftiehma li kienu ser ikunu fis-somma ta' £s8,694. Pero, il-kumpanija assiguratrici saret taf illi l-assigurat kien pogga lproprjeta fuq is-suq u kien qed isibha difficli jbiegh il-proprjeta, tant li kien qal li kien lest li jaccetta s-somma ta' £s4,500 ghaliha. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ikkonkludiet illi l-ammont dovut lill-assigurazzjoni kien £s3,000, u cioe il-valur tal-proprjeta fissuq (eskluz il-valur tal-art innifisha).

F'din il-kawza, **Megaw LJ** irrileva illi:

> ***"[e]ver since the decision of this court in Castellain v Preston (1883) 11 QBD 380, the general principle has been beyond dispute. Indeed I think it was beyond dispute long before Castellain v Preston. The insured may recover his actual loss, subject of course, to any provision in the policy as to the maximum amount recoverable. The insured may not recover more than his actual loss (...) The plaintiff is entitled to recover his real loss, his actual loss, not exceeding the cost of replacement."***

[1] R.Hodgin, Insurance Law: Text and Materials (Second Edition, Cavendish 2002)587.
[2] Leppard v Excess Insurance Co Ltd [1979] 2 All ER 668.

Fuq l-ammont ta' kumpens li ghandu jigi moghti lill-assigurat, fis-sentenza fl-ismijiet **Murphy v. Wexford County Council** intqal illi:

> ***"You are not to enrich the party aggrieved; you are not to impoverish him; you are, so far as money can, to leave him in the same position as before.[3]***

L-awtur **Hodgin** fil-ktieb fuq citat, jiccara kif ghandu jigi komputat il-prezz fis-suq tal-karozza b'dan il-mod:

> ***"[t]he true construction of 'market value' was the amount which it would cost the policyholder to replace his vehicle with a similar model, bearing in mind its age, condition and mileage."[4]***

**Ikkonsidrat;**

F'dan il-kaz, kien diga hemm qbil bejn il-partijiet rigward is-somma massima pagabbli lir-rikorrent, kif jidher mill-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni, li kienu gew accettati mir-rikorrent meta ghazel li jassikura l-vettura tieghu mas-socjeta ntimata, liema kondizzjonijiet jistipolaw f'Section 4 billi:

> ***"[t]he Maximum Amount Payable (other than under the Removal an Portection clause to this Section) will be (a) the Market Value of the Motor Vehicle at the time of the loss or (b) the Insured's estimate of Motor Vehicle Value Including Accessories and spare parts as shown in the current Policy Schedule whichever is the lesser amount."[5]***

Il-partijiet qabblu wkoll fuq l-interpretazzjoni tat-terminu 'market value, f'Section 4a(c), li tipprovdi:

> ***"[m]arket Value is defined as the cost of replacing Your Motor Vehicle with one of similar type, age and condition. [6]***

Il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni jistipolaw ukoll illi:

> ***"[i]t is agreed that in any dispute over the market value of the motor vehicle, it is and will be your exclusive responsability to prove that the market value of the motor vehicle at the time of the loss was higher than that established by us."[7]***

Ghalhekk il-Qorti ghandha neccessarjament tigi gwidata minn dawn il-klawsoli li jiggvernaw il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni, stante illi r-rikorrent accettata dawn il-kondizzjonijiet meta ghazel illi l-vettura tieghu tigi assikurata taht din il-polza.

---

[3] Murphy - v- Wexford County Council (1921) 2 IR 230.
[4] R.Hodgin, Insurance Law: Text and Materials (Second Edition, Cavendish 2002) 767.
[5] Fol 18.
[6] *Idem.*
[7] Fol 18.

Il-Qorti tinnota illi l-provi prodotti mir-rikorrent huma pjuttost fjakki. Tant hu hekk, illi r-rikorrent lanqas biss xehed f'dawn il-proceduri biex jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti, u l-unici provi li ressaq in sostenn tat-talbiet tieghu kienu l-affidavit ta' Adrian Muscat, il-persuna minn ghand min xtara il-vettura in kwistjoni, u r-ricevuti relevanti.

Mill-provi prodotti mis-socjeta ntimata, jirrizulta illi l-vettura tar-rikorrent kienet involuta f'incident u bid-danni subiti giet meqjusa bhala *'beyond economical repair.'* Dan gie konfermat mill-espert tekniku fir-rapport tieghu a fol 140.

Rigward il-valur, ghalkemm ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tieghu jghid illi mhux kontestat li l-vettura inxtrat ghas-somma ta' €76,869, eskluz it-taxxa tar-registrazzjoni, mill-affidavit ta' Adrian Muscat, prezentat mir-rikorrent stess, jirrizulta illi, fi kliem Muscat *"[f]il-prezz imsemmi kien hemm ir-registration li nahseb dak iz-zmien kien ta' xi €20,000"*[8] u r-rikorrent ma telax jixhed sabiex iressaq provi a kontrarju ta' dan. Ghalhekk, ukoll m'huwiex minnu dak li jghid ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi l-prezz ta' kemm inxtrat mhux kontestat ghaliex ma sarx kontro-ezami lir-rikorrent; ir-rikorrent qatt ma xehed u ghalhekk ma seta' jsir l-ebda kontro-ezami. **Pero, mid-dokument ezebit a fol 52, jidher illi t-taxxa tar-registrazzjoni ta' din il-vettura f'Ottubru 2009 kienet ta' <u>€10,512.</u>**

Il-vettura giet assikurata pero fuq valur ta' €63,000. Ghalkemm ir-rikorrent jipprova jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi dan kien ghaliex dan kien il-valur indikat fil-linja gwida, mill-provi prodotti jirrizulta pjuttost il-kontrarju. John Mifsud xehed illi r-rikorrent kien insista li tohrog il-polza ta' assikurazzjoni dakinhar stess, ghaliex ried ikun jista' johrog il-karozza fil-weekend, u ghalhekk accetta li l-valur fuq il-polza ikun dak l-ammont massimu sabiex ma jkunx hemm bzonn li l-polza tigi riferuta barra minn Malta. Ghalhekk dak argumentat mir-rikorrent fir-rigward tar- raguni ghalfejn il-valur fuq il-polza ma jirriflettix il-prezz imhallas mir-rikorrent meta xtara l-vettura, huma biss kongetturi u supposizzjonijiet da parti tar-rikorrent, li bl-ebda mod m'huma sorretti mill-provi, u dan specjalment in vista tal-fatt illi r-rikorrent ma weriex interess bizzejjed biex imqar jixhed hu u jghati l-verzjoni tieghu tal-fatti f'din il-kawza li fetah hu u li tirrigwarda proprjeta tieghu. Detto dan, il-Qorti pero tqis li l-agir tal-agent tas-socjeta ntimata, illi qabad u hareg polza ta' assikurazzjoni minghajr ma ghamel l-ebda verifiki fuq il-valur tal-karozza izda qaghad biss fuq dak li qallu l-klijent fuq it-telephone, ma kienx wiehed li jsegwi the best practice.

Is-socjeta ntimata ezebiet numru ta' dokumenti li juru kemm tiswa' vettura simili ghal dak tar-rikorrent. Ghalkemm ir-rikorrent jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dawn il-provi ghaliex huma ricerki li saret snin wara l-incident u ghalhekk ma

[8] Fol 67.

jirriflettux il-valur tal-vettura dak iz-zmien, dan l-argument m'ghandux mis-sewwa ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta' Audrey Sant illi din ir-ricerka ghamlitha **f'Ottubru 2009, u cioe massimu ta xahar wara l-incident.** Ir-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi r-ricerka saret fuq websites Inglizi. Ma jistghax ma jinghadx pero illi l-vettura tieghu kienet filfatt karozza uzata li inxtrat mis-suq Ingliz, **tant li fi zmien l-incident kien ghad ghandha pjanci ta' registrazzjoni Inglizi.** Ghalhekk il-Qorti tqis li huwa ragonevoli li ricerka effettivament saret fuq vetturi Inglizi.

Fir-rigward tar-rapport tal-espert tekniku, il-Qorti tinnota illi l-espert ma tax indikazzjoni konklussiva tal-valur ta' din il-vettura, izda ta biss indikazzjoni tal-valur ta' din il-vettura fis-sena 2015, u fil-konkluzjoni tieghu ghamel biss domandi fuq kif nizel daqshekk il-prezz tal-vettura fi ftit xhur, u argumenta li s-socjeta ntimata hadet ir-responsabbilta li tassikura l-vettura ghal valur ta' €63,000. Din it-tip ta' argumetazzjoni jmur oltre l-kompitu tal-espert tekniku, li gie nominat biex jaghti l-opinjoni esperta tieghu fuq il-valur tal-vettura in kwistjoni.

Il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li s-somma ta' €76,869, li r-rikorrent hallas ghal vettura in kwistjoni, verament tirrifletti l-valur tal-vettura bhala wahda uzata, **mixtrija tmien snin wara li harget fis-suq,** meta din il-vettura, skont ir-rapport tal-espert a fol 142, **kienet tinbiegh gdida ghal prezz massimu ta' €79,642 fl-2001.**

Il-Qorti hadmet medja tal-prezzijiet murija fir-reklami ezebiti mis-socjeta ntimata, u jidher illi f'Ottubru 2009, il-medja tal-valur fis-suq tal-vettura in kwistjoni kienet ta' €17,045.59. Ma dan l-ammont trid tizdied is-somma ta' €10,512, rapprezentanti it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta f'Ottubru biex din il-vettura tigi registrata Malta, kif jidher mid-dokument ezebit a fol 52. **Ghalhekk is-somma rilevanti hija ta' €27,557.59.**

Skont il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni tar-rikorrent, l-oneru tal-prova li l-valur fis-suq tal-vettura in kwistjoni huwa iktar gholi mill-ammont offrut mis-socjeta' intimata tmiss lir-rikorrenti. Din il-prova r-rikorrenti baqa' ma gabhiex, u ghalhekk il-Qorti trid necessarjament tistrieh fuq il-valur fuq citat.

Il-Qorti tqis illi li kieku kellha tilqa' l-ammont pretiz mir-rikorrent u tordna li s-socjeta ntimata thallsu s-somma ta' €63,000 dan ikun kaz ta "unjustified enrichment", u tkun qed tmur kontra l-principji regolatorji fil-kamp ta' dritt tal-assikurazzjoni, fejn l-assikurat jrid jigi re-integrat fil-posizzjoni li kien qabel l-incident, u mhux jinghata '*a windfall.'* F'dan il-kaz, il-posizzjoni li kien fiha r-rikorrent qabel l-incident kienet illi huwa kellu fil-pusses tieghu vettura b'valur fis-suq ta' €17,045.59 oltre €10,512 f'taxxa tar-registrazzjoni, u ghalhekk il-Qorti zgur li ma tistax tordna hlas ta' €63,000.

Il-Qorti hija tal-opinjoni wkoll illi s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf hames mija u sebgha u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmi (€27,557.59) trid tigi ridotta biex tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi r-

rikorrent zamm ir-“wreck” tal-vettura hu. Peress illi ma ngabitx prova tal-valur ta' dan ir-“wreck”, il-Qorti tiddeciedi arbitrio boni viri illi l-ammont li ghandu jigi mnaqqas huwa ta elfejn Ewro (€2,000), biex b'hekk, issomma finalment dovuta lir-rikorrent ghandha tkun ta' hamsa u ghoxrin elf hames mija u sebgha u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmi (€25,557.59).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni numru sitta tas-socjeta ntimata, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intimata, tillikwida s-somma ta' danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€25,557.59) u tordna lis-socjeta ntimata thallas lir-rikorrent l-istess somma ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€25,557.59), bl-imghax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta (31.10.2016):**

6. Is-soċjeta` konvenuta tispjega li filwaqt li taqbel mal-fatt li l-ewwel Qorti stmat id-dannu fl-ammont ta’ €15,049.59 (€17,045.59 bit-tnaqqis ta’ €2,000 minħabba r-*wreck value*) hija ma taqbilx mal-fatt li l-ewwel Qorti żiedet l-ammont ta’ €10,512 rappreżentanti taxxa ta’ reġistrazzjoni. Taċċenna għall-fatt li sakemm saret il-ħabta, il-vettura ma kinitx ġiet reġistrata mal-awtoritajiet, tant li kienet għadha bin-numru ta’ reġistrazzjoni Ingliża. Iżżid tgħid li ladarba ġiet ċertifikata bħala *beyond economical repair*, qatt ma nstaqet fit-triq u allura qatt ma tħallset taxxa ta’ reġistrazzjoni. Targumenta li d-dannu attwalment soffert kien ta’ €15,049.59 u li allura kwalsiasi ammont likwidat favur l-attur bħala taxxa ta’ reġistrazzjoni jammonta għal arrikkiment indebitu.

**Risposta tal-attur għall-appell tas-soċjeta` konvenuta (18.11.2016):**

7. L-attur wieġeb biex jgħid li l-appell tas-soċjeta` konvenuta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha. Jargumenta li sid ta' vettura mportata huwa xorta waħda responsabbli għall-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni kemm-il darba l-vettura tiġi distrutta; jenfasiżża li għalhekk dak l-ammont huwa xorta eżiġibbli minn Transport Malta u li huwa responsabbli għall-ħlas relattiv.

**Appell inċidentali tal-attur:**

8. L-attur ħassu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti llikwidat id-danni fl-ammont ta' €25,557.59 biss, u wkoll bil-fatt li kkundannatu jħallas nofs l-ispejjeż.

9. Jargumenta li ma tressqet l-ebda prova kuntrarja għall-prova mressqa minnu fir-rigward tal-valur (prezz) tal-karozza u li għalhekk il-prova tiegħu kellha tintlaqa'. Kwantu għas-*survey reports* li ppreżentat is-soċjeta` konvenuta jgħid li dawn mhumiex ammissibbli bħala prova peress li mhux ikkonfermati bil-ġurament. Kwantu għall-fotokopji ta' *screenshots* minn siti elettroniċi li jirreklamaw il-bejgħ ta' karozzi wżati u li juru l-prezzijiet fl-Ingilterra ta' vetturi preżumibbilment simili, jargumenta li huwa risaput li meta tali vetturi jinbiegħu f'Malta l-prezzijiet huma ferm

ogħla (kemm minħabba l-profitti li jagħmlu d-*dealers* Maltin u anke minħabba t-taxxi). Iżid jgħid li l-vettura in kwistjoni kellha numru kbir ta' *extras* u kienet f'kundizzjoni tajba ħafna, fatturi li jaffetwaw il-prezz. Jenfasiżża wkoll li ma ġiex ikkontestat il-fatt li l-valur għal skopijiet ta' assikurazzjoni – dak ta' €63,000 - kien inqas mill-prezz tal-akkwist (għalkemm ma jaqbilx mal-verżjoni mogħtija mis-soċjeta` konvenuta biex jiġi spjegat għaliex il-valur li tniżżel kien inqas). Iżid jgħid li rriżulta mhux kontestat li l-valur tal-vettura fil-*proposal form* ġie ndikat mill-uffiċjal tal-assikurazzjoni stess. Jargumenta li jekk is-soċjeta` konvenuta kellha dubju dwar il-valur (liema dubju qatt ma ġie espress) kien jispetta lilha li titlob *pre-accident market value report.*

10. Għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata bl-appell inċidentali tal-attur, ma jidhirx li ppreżentat ir-risposta relattiva.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

**<u>Provi</u>**

11. Il-vettura in kwistjoni hija BMW-M3 *convertible* li ġiet immanifatturata fis-sena 2001. L-attur xtraha bħala *second hand* fis-sena 2009 wara li din ġiet importata mill-Ingilterra għal Malta.

12. Kif jidher mir-riċevuta relattiva[9], l-attur xtraha mingħand ċertu Adrian Muscat (*auto dealer*) fit-28 ta' April 2009 għall-prezz ta' €76,869 "*mingħajr number plates".* Fl-affidavit tiegħu[10] Adrian Muscat qal li l-prezz kien jinkludi r-reġistrazzjoni, u jaħseb li kienet ta' €20,000.

13. Fit-13 ta' Lulju 2009 l-attur assikuraha mas-soċjeta` konvenuta SMS Insurance Agency Ltd b'kopertura "*comprehensive*".[11] In-numru ta' reġistrazzjoni tagħha ġie ndikat fuq il-polza bħala Y482-BPL, jiġifieri l-pjanċi kienu għadhom dawk tal-Ingilterra. Fil-kaxxa "*Insured's estimate of motor vehicle value, including accessories and spare parts*" tniżżel il-valur ta' €63,000.

14. Ftit xhur wara, fit-22 ta' Settembru 2009, il-vettura sfat involuta f'inċident awtomobilistiku u ġiet ċertifikata bħala "*beyond economical repair".*

15. Il-kundizzjonijiet tal-polza relattivi għal din is-sitwazzjoni jinsabu f'Section 4:

> "***a. Definitions***
>
> ………..
>
> (c) **Market Value** is defined as the cost of replacing **Your Motor vehicle** with one of similar type, age and condition.

[9] Dok. CG1 u CG2, fol 5 u 6.
[10] Dok. AM, fol 67.
[11] Ara Dok. AS02, fol 19; u Dok. RV1, fol 76.

***b. Loss or Damage to the Motor Vehicle***

If the **Motor Vehicle** is lost or stolen or damaged We will, at our Option

(a) pay for the **Motor Vehicle** to be repaired;

(b) replace the **Motor Vehicle** if it is lost, stolen or damaged beyond economical repair;

(c) pay an amount in cash equivalent to the value of any loss or damage to the **Motor Vehicle.**

The ***Maximum Amount Payable*** (other than under the ***Removal and Protection*** Clause to this Section) will be:

(a) the **Market Value** of the **Motor Vehicle** at the time of the loss or

(b) the ***Insured***'s estimate of **Motor Vehicle** Value Including Accessories and spare parts as shown on the current **Policy Schedule**

whichever is the lesser amount.

IT IS AGREED THAT IN ANY DISPUTE OVER THE **MARKET VALUE** OF THE **MOTOR VEHICLE**, IT IS AND WILL BE **YOUR** EXCLUSIVE RESPONSBILITY TO PROVE THAT THE **MARKET VALUE** OF THE **MOTOR VEHICLE** AT THE TIME OF THE LOSS WAS HIGHER THAN THAT ESTABLISHED BY US".

16. Is-soċjeta` konvenuta ppreżentat kopji ta' żewġ *survey reports*[12]: wieħed li sar mis-*surveyor* tas-soċjeta` assikuratriċi stess, u l-ieħor li sar mis-*surveyor* tal-Middle Sea Insurance.

(i) Il-parir mogħti mis-surveyor[13] tas-soċjeta` assikuratriċi fil-*Motor Vehicle Damage Assessment Report* relattiv datat 13 ta' Ottubru 2009 jaqra hekk:

[12] Dok. AS04 fol 24 et seq; Dok. RV2, fol 77 et seq.
[13] Is-surveyor huwa mill-Eurostar Garage, Qormi. Audrey Sant, il-*claims manager* tas-soċjeta` konvenuta fix-xhieda tagħha qalet li s-*surveyor* kien John Borg Bellanti.

> *"In my opinion this car is beyond economical repair, especially since registration tax has still not been paid. Prices for vehicles similar re equipment, condition, year of make and mileage cost between €12,000 and €16,500 in the UK. To this one would have to add €1,150 for shipping and €1,250 for handling charges if the vehicle is purchased through the local BMW agents Muscat Motors; in this way the client would also benefit from a 6 month warranty on the vehicle. One such vehicle would also benefit from the present, cheaper, registration regime. I would suggest a cash settlement in the region of €20,000. This would purchase a vehicle similar to the damaged car duly delivered in Malta while at the same time allowing the client to view the vehicle prior to purchase in the UK if he would like to do so."*

(ii) Is-*surve*yor tal-MiddleSea Insurance, ċertu Mario C, fis-*survey repo*rt tiegħu datat 2 ta' Ottubru 2009 qal hekk:

> *"Repairs on this vehicle are not recommended as these will exceed market value.*
>
> *Considering that the registration tax of this car has not been paid yet and that the car has a 3.2 lt engine, my opinion is that the market value of this car is between €14,000.00 to €17,000.00 which is equivalent to the cost* (of) *a second hand imported car of the same make and specs, excluding registration tax.*
>
> *Other costs such as reprogramming will have to be added.*
>
> *A cash settlement is to be agreed with the owner."*

17. Dawn id-dokumenti ġew ippreżentati minn Richard Vella, direttur tas-soċjeta` konvenuta waqt ix-xhieda tiegħu[14]; is-*surveyors* konċernati pero` ma ttellgħux jixhdu dwar il-konklużjonijiet tagħhom.

18. Is-soċjeta` konvenuta ppreżentat ukoll riċerka dwar il-valur ta' vetturi *second hand* tal-istess marka bħal dik odjerna, ossia *screenshots*

[14] Xhieda tat-23 ta' Frar 2012.

minn reklami minn fuq siti elettroniċi ta' *dealers* ta' vetturi *second hand* fl-Ingilterra[15] fejn il-prezzijiet indikati jvarjaw bejn £17,850; £13,000; £15,989; £15,000; £16,000. Din ir-riċerka saret minn Audrey Sant, *Claims Manager* mas-soċjeta` konvenuta kif ikkonfermat hi stess fix-xhieda tagħha[16]. Mistoqsija jekk għamlitx riċerka dwar prezzijiet ta' karozzi *second hand* tal-istess mudell li jinbiegħu Malta qalet li ma kellhiex għalfejn, għaliex qalet li huwa "*common knowledge*" li tali prezzijiet li ġabet mis-siti elettroniċi jinkludu l-ispejjeż tal-importazzjoni. Xehdet ukoll li s-soċjeta` konvenuta kienet offriet lill-attur is-somma ta' €25,000 biex tiġi transatta l-vertenza, b'dan li huwa jżomm il-valur tar-*wreck* ukoll. (L-attur fir-rikors ġuramentat invece qal li kienu offrewlu €19,000).

19. Il-perit tekniku Joseph Zammit, inkarigat mill-ewwel Qorti sabiex jirrelata dwar il-valur tal-vettura in kwistjoni qal ħafna affarijiet iżda mkien fir-rapport tiegħu ma jgħid b'mod affermattiv kemm hu l-valur tal-vettura. Fil-fatt lanqas jista' jitqies li espleta l-inkarigu tiegħu. Madanakollu ħadd mill-partijiet ma għażel li jeskutih.

**L-appell inċidentali tal-attur:**

20. L-ewwel Qorti spjegat li kienet ħadet il-medja tal-prezzijiet murija

[15] Dok. AS07, fol 33 et seq; Dok. RV4, fol 86 et seq.
[16] Xhieda tat-3 ta' April 2012 fol 99 et seq, kontro-eżami tas-17 ta' April 2012, fol 103 et seq.

fir-reklami esebiti mis-soċjeta` konvenuta, u konsegwentement illikwidat il-*market value* tal-vettura qabel ma seħħ l-inċident fl-ammont ta' €17,045.59. Imbagħad żiedet €10,512 rappreżentanti taxxa ta' reġistrazzjoni[17] u naqqset l-ammont ta' €2,000 li jirrappreżenta l-valur tar-*wreck*, somma li ġiet likwidata minnha *arbitrio boni viri*; b'hekk ikkonkludiet li l-ammont ta' danni li sofra l-attur kien €25,557.59.

21. L-attur fl-appell inċidentali tiegħu mhux qed jikkontesta l-ammont ta' €10,512 li ttieħed bħala taxxa ta' reġistrazzjoni; lanqas ma hu qed jikkontesta l-€2,000 likwidati u mnaqqas mill-ewwel Qorti *in linea* ta' *wreck value*. L-ilment tiegħu jikkonsisti fil-fatt li l-vettura ġiet inxurjatha fuq €63,000, li huwa ġab prova tal-prezz li ħallas għaliha (li fil-fatt skont ir-riċevuta jiżboq l-ammont ta' €63,000, għaliex huwa fl-ammont ta' €76,869) u li l-provi li ressqet is-soċjeta` konvenuta dwar il-*market value* tal-vettura mhumiex sodisfaċenti. Jenfasiżża li skont il-polza, is-soċjeta` konvenuta kienet tenuta tħallas bħala massimu l-inqas bejn il-prezz tal-akkwist u l-valur tal-vettura fis-suq fil-mument tat-telf. Jargumenta li ladarba dehrilha li l-valur fis-suq kien inqas mill-prezz tal-akkwist, kien allura jinkombi fuq is-soċjeta` konvenuta li tipprova li kien inqas mill-prezz tal-akkwist u jsostni li din il-prova ma ressqithiex.

[17] Skont ma jirriżulta mid-Dok. AS08 a fol 52, li huwa *print out* mis-sit elettroniku tal-ADT (Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta) l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli fuq vettura bħal dik in kwistjoni.

22. **<u>Dan pero` mhux minnu</u>.** Section 4 tal-polza tenfasiżża b'ittri kbar illi f'każ ta' disputa dwar il-*market value* tal-vettura, <u>jinkombi fuq l-assigurat</u> li jipprova li l-*market value* tal-vettura fil-mument tat-telf kien ogħla minn dak <u>stabbilit mis-soċjeta` konvenuta</u>. Dan ifisser li rrispettivament mill-valur li fuqu tkun ħarġet il-polza, huwa l-valur li tistabbilixxi s-soċjeta` assikuratriċi li għandu jitqies li huwa fil-fatt il-valur tas-suq, kemm-il darba l-assikurat ma jressaqx prova kuntrarja.

23. Wara li s-soċjeta` konvenuta qieset ir-rapporti tas-*surveyors* imqabbdin minnha, kif ukoll il-prezzijiet ta' vetturi simili reklamati fl-Ingilterra, il-valur stabbilit minnha jidher li kien dak ta' €25,000. Fil-fatt Audrey Sant, il-*claims manager*, mhux biss xehdet li kienu offrew lill-attur tali ammont ta' €25,000, iżda qalet li tali offerta kienet <u>għadha valida</u>.

24. Għalkemm is-*survey reports* li ppreżentat is-soċjeta` konvenuta ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament mis-*surveyors* relattivi u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala l-aqwa prova, il-*market value* stabbilit fihom iqarreb sew il-prezzijiet li jirriżultaw mis-siti elettroniċi. (Fil-fatt din il-Qorti ssib li l-ammont li waslet għalih l-ewwel Qorti – dak ta' <u>€17,045.59</u> – jirrifletti tajjeb il-*market value* abbażi ta' tali provi.) Tqum pero` l-kwistjoni dwar jekk dan l-ammont ikoprix l-*importation costs* u anke l-profitt tad-*dealer* lokali. Għalkemm Audrey Sant sostniet li l-prezzijiet reklamati fuq is-siti elettroniċi tal-Ingilterra jinkludu l-*importation costs* u sostniet li dan huwa

"*common knowledge*", ammettiet li dan fil-fatt ma jirriżultax mid-dokumenti, ossia *screenshots* tar-reklami fuq is-siti elettroniċi; għalhekk din il-Qorti hawnhekk ukoll ma tistax tqis li nġiebet l-aħjar prova li l-prezzijiet li jidhru fuq is-*siti elettroniċi* jinkludu l-*importation costs*.

25. Meqjus dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' €25,000 li s-soċjeta` konvenuta offriet (u baqgħet toffri lill-attur anke fil-mori tal-kawża), li jekk wieħed iżid ir-*wreck value* ta' €2,000 li stabilixxiet l-ewwel Qorti jwassal għal market value ta' €27,000, huwa wieħed ferm raġonevoli, u b'tali ammont din il-Qorti hija sodisfatta li l-*importation costs* u l-profitt tad-*dealer* f'Malta huma wkoll koperti.

26. Issa kif ingħad, skont Section 4 tal-polza, jaqa' fuq l-assikurat li jressaq prova li l-*market value* tal-vettura tiżboq l-ammont stabbilit minnha - f'dan il-każ €25,000 + ir-*wreck value* ta' €2,000. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-riċevuta tal-prezz *per se* ma tistax titqies bħala prova tal-*market value*.

27. Ikkonsidrat dan kollu din il-Qorti qiegħda tqis li l-ammont tal-*market value* tal-vettura f'Malta għandu jitqies li huwa ta' €27,000 li bażikament kien il-valur stabbilit mis-soċjeta` konvenuta stess fit-termini ta' Section 4 tal-polza, u mhux ta' €17,045.59 kif deċiż mill-ewwel Qorti. (Bit-tnaqqis tar-*wreck value* mbagħad jiġi li l-attur għandu jieħu **€25,000**).

28. Issa dwar jekk lil hin mill-€25,000 l-attur għandux jitħallas ukoll it-taxxa ta' reġistrazzjoni, din il-Qorti ser tqisu fil-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-appell prinċipali tas-soċjeta` assikuratriċi.

29. Kwantu għall-aggravju tiegħu dwar l-ispejjeż, dan huwa nfondat għaliex ladarba t-talba tiegħu ma ġietx (u mhux ser tiġi) milqugħa fl-intier tagħha, ma jagħmilx sens li s-soċjeta` konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża kollha hi, kif pretiż minnu.

**L-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta:**

30. Is-soċjeta` konvenuta tilmenta bil-fatt li ġiet ordnata tħallas €10,512 *in linea* tat-taxxa ta' reġistrazzjoni oltre l-ammont ta' €15,045.59 likwidat mill-ewwel Qorti.

31. Din il-Qorti tqis li għandha raġun. L-attur ma ħallasx it-taxxa ta' reġistrazzjoni. Meta assikura l-vettura, u anke meta kellu l-inċident bil-vettura, din kienet għadha bil-pjanċi tal-Ingilterra. Fil-fatt anke fir-ritratti tar-*wreck* li jinsabu fir-rapport tal-perit tekniku jidhru l-pjanċi tal-Ingilterra bin-numru Y482BPL, u fil-ġenb l-ittri "GB" għal *Great Britain*.

32. Inutli jargumenta fir-risposta tal-appell tiegħu illi t-taxxa ta'

reġistrazzjoni, minkejja li għadha ma tħallsitx, għadha dovuta. Ladarba fil-mument li assikura l-vettura tali taxxa ma kinitx imħallsa, ma jistax jitqies li hemm xi parti mill-ammont assikurat li jinkludi t-taxxa ta' reġistrazzjoni.

33. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta huwa kompletament fondat.

**Deċide:**

34. Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(a) Tilqa' limitatament l-appell inċidentali tal-attur u konsegwentement tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti llikwidat il-*market value* tal-vettura (li jinkludi r-*wreck value* ta' elfejn ewro (€2,000)) fl-ammont ta' sbatax-il elf ħamsa u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€17,045.59) u ordnat lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf u ħamsa u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€15,045.49), u minflok qiegħda tillikwida l-*market value* tal-vettura (li jinkludi r-*wreck value* ta' elfejn ewro (€2,000)) fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000) u tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (**<u>€25,000</u>**).

(b) tilqa' l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li s-soċjeta` konvenuta kellha tħallas ukoll għaxart elef u ħames mija u tnax-il ewro (€10,512) rappreżentanti t-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni u minflok tiddikjara **<u>li ma hemm l-ebda taxxa ta' reġistrazzjoni xi tħallas is-soċjeta` konvenuta</u>**.

35. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqghu kif ordnati mill-ewwel Qorti.

36. L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jinqasmu bin-nofs ($^{1}/_{2}$) bejn il-partijiet.

37. L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm